ĦAL KIRKOP

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 38/2022/09

**Data tal-laqgħa:** 19 ta' Jannar, 2022

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop fis-18:05hrs.

### Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Terence Agius | ***Kunsillier*** | |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** | |
| John Luke Cassar | ***Kunsillier*** | |
| Ritienne Caruana | ***Kunsillier*** | permezz ta' *Teams Meeting* |
| Cody Galea | ***Kunsillier*** | |

### Uffiċjal Preżenti:

Antonia Demicoli ***Segretarju Eżekuttiv***

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 38.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

38.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw, minħabba li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

## 38.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 37

38.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 37 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mill-Kunsillier Cody Galea, li kienet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 38.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

38.3.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. SPI/SCI/9/2021 rigward Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2022 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

38.3.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet ippreparat il-formola neċessarja biex il-Kunsill ikun jista' japplika għal din l-iskema għall-attività Irkottafest 2022, peress li l-applikazzjoni li saret fis-sena 2021 ma kinetx ġiet milqugħa.

38.3.1.2 Il-Kunsilliera raw din l-applikazzjoni u qablu mal-kontenut tagħha.

38.3.1.3 Għaldaqstant, il-Kunsillier John Luke Cassar ressaq mozzjoni biex tiġi approvata l-applikazzjoni għall-iSkema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2022, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

38.3.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. SPI/SCI/1/2022 rigward Finanzjament għal Żvilupp u Titjib fil-kundizzjonijiet tal-*Playing Fields* fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

38.3.2.1 Is-Sindku Terence Agius kompla jgħid li din l-iskema tagħlaq fid-29 ta' April, 2022 u talab lill-Kunsilliera jekk għandhomx xi idejat li jistgħu japplikaw għalihom taħt din l-iskema.

38.3.2.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li ssir applikazzjoni għal Misraħ iż-Żerniq. Is-Sindku Terence Agius, il-Kunsillier John Luke Cassar u l-Kunsillier Cody Galea ser ikunu qed jiltaqgħu biex jippjanaw din l-applikazzjoni.

38.3.3 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. 1/2022 dwar l-Allokazzjoni Finanzjarja għall-2022 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

38.3.3.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Allokazzjoni Finanzjarja għall-2022 għall-Kunsill Lokali Ħal Kirkop hija ta' €265,364 li tinkludi €3,582 fond ta' aġġustament, liema fond il-Kunsill irid jagħmel applikazzjoni għalih biex ikun jista' jingħata.

38.3.3.2 Il-Kunsilliera ddiskutew dan il-fond u qablu li dan jintalab fuq spejjeż relatati mal-manutenzjoni ta' ġonna u *soft areas* fil-lokalità fejn il-Kunsill ser ikun qed jimpjega ġardinar full-time biex dawn jinżammu fl-aħjar stat possibbli u jiżied aktar it-tħawwil ta' fjuri fis-*soft areas* kollha li jdawru Ħal Kirkop.

38.3.4 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza minn Ambjent Malta dwar Skema għall-Kunsill Lokali fuq Proġetti Ambjentali 2022.

38.3.4.1 Is-Sindku Terence Agius spjega li hemm tlett kategoriji f'din l-iskema u l-Kunsill seta' japplika għall-proġetti differenti. L-applikazzjonijiet għal din l-iskema jagħlqu fit-28 ta' Frar, 2022.

38.3.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li nhar it-Tnejn 24 u t-Tlieta 25 ta' Jannar ser ikun hemm żewġ sessjonijiet ta' informazzjoni dwar din l-iskema. Hi qalet li persuna mill-amministrazzjoni kienet ser tattendi u staqsiet jekk kienx hemm xi ħadd mill-Kunsilliera li kien interessat li jattendi.

38.3.4.3 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li ser jiġi l-uffiċċju u jattendi għal din il-laqgħa. Wara l-Kunsill ikun jista' jiddeċiedi jekk japplikax jew le.

38.3.5 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mill-Għassa tal-Pulizija taż-Żurrieq fejn infurmaw li Ħal Kirkop mhux ser jibqa' jagħmel parti mid-distrett tagħhom iżda ser ikun qed jagħmel parti mid-distrett taż-Żejtun.

38.3.5.1 Is-Sindku Terence Agius qal li hu tkellem mas-Sindki ta' Ħal Safi u l-Imqabba u dawn tkellmu wkoll mal-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward din il-bidla. Bidla li ser taffettwa ħażin ħafna lir-residenti ta' Ħal Kirkop għax għal kull ħaġa li ser ikollhom bżonn, iridu jmorru ż-Żejtun.

38.3.5.2 Il-Kunsilliera preżenti qalu li din hija inġusta fuq ir-residenti ta' Ħal Kirkop għax min ma jsuqx se tkun diffiċċli li jmur iż-Żejtun.

38.3.5.3 Is-Sindku Terence Agius qal li ser jistenna l-appuntament mal-Kummissarju tal-Pulizija kemm jista' jkun malajr, u wara jgħaddi l-informazzjoni lil Kunsilliera.

38.3.6 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva risposta mingħand Parks Malta rigward il-proġett tal-*observation area* fi Triq l-Industrija.

38.3.6.1 Il-Kunsill ġie infurmat li Parks Malta kienet ser tara jekk tistax tinkludi dan il-proġett mal-Budget tal-2023. Apparti hekk wara li jieħdu deċiżjoni ikun jista' jiġi ffirmat kuntratt bejn iż-żewġ partijiet dwar dak li jkunu qed jiftehmu fuqu.

38.3.6.2 Is-Sindku Terence Agius qal li ser ikun qed jitkellem mal-Ministeru biex jara jekk hemmx deċiżjoni.

38.3.7 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti dwar is-sitwazzjoni tas-sinjali tat-traffiku fi Triq San Pietru k/m Triq Valletta. Sa issa x-xogħol għadu ma sarx u dwar il-bdil fil-parkeġġi, sakemm dħalna għal-laqgħa, konna għadna mingħajr risposta.

38.3.7.1 Is-Sindku kompla jgħid li f'Diċembru 2021 l-Kunsill kien infurmat li ser isiru t-tabelli u sa issa dawn għadhom ma sarux.

38.3.7.2 Il-Kunsilliera talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex terġa' tibgħat reminder fuq dawn il-korrispondenzi.

38.3.8 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza minn Infrastracture Malta dwar ix-xogħlijiet fi Triq Taż-Żebbiegħ u Triq il-Lewżiet, fejn kien ippjanat li t-tarmak jingħata u x-xogħol ikun konkluż sal-Ġimgħa, 28 ta' Jannar, 2022, jekk it-temp jippermetti.

38.3.9 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand id-Direttorat tar-Restawr fejn qed jgħidu li l-arkata ta' San Ġakbu tidher fil-konfini taż-Żurrieq, skont il-*map server* tal-Awtorità tal-Ippjanar.

38.3.9.1 Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex titlob l-għajnuna tal-Prof. Horation Ceaser Roger Vella dwar dan.

38.3.9.2 Hu kompla jgħid li apparti l-email li ser tibgħat is-Segretarju Eżekuttiv, hu ser ikun qed jitkellem miegħu biex jgħidlu eżatt x'għandu bżonn il-Kunsill.

38.3.10 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza minn Health & Safety Malta rigward Health & Safety Courses.

38.3.10.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li l-Kunsill jorganizza u jħallas dan il-kors għall-Kunsilliera, l-ħaddiema tal-Uffiċċju u l-ħaddiema kollha. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

38.3.11 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva l-informazzjoni mitluba dwar il-Farm Tours.

38.3.11.1 Il-Kunsilliera qablu li jżommu din l-informazzjoni pendenti biex meta jonqsu l-każijiet tal-Covid-19 ikunu jistgħu jorganizzaw ħarġa kulturali.

38.3.12 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva sejħa għal parteċipazzjoni fi proġett li ser isir fil-muniċipalità ta' Tordoia fi Spanja bejn is-6 u t-12 ta' Frar, 2022.

38.3.12.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din is-sejħa u qablu li jattendi l-Kunsillier John Luke Cassar u li l-ispejjeż *extra* mhux imħallsa mill-proġett, jiġu mħallsa mill-Kunsill Lokali.

38.3.13 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva talba għal no objection għal permess għal xogħol ta' tħaffir fi Triq ir-Ramlija u Triq San Nikola.

38.3.13.1 Is-Sindku Terence Agius ser ikun qed jiċċekkja f'hiex jikkonsisti dan ix-xogħol u jekk ikun kollox sew jinforma lill-Kunsill biex nikkonfermaw.

38.3.14 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-*contract manager* kien issorvelja l-*area* fi Triq San Leonardu rigward parkeġġ ta' karozzi. Jidher li l-karozzi qed jirranġaw bejniethom u għaldaqstant kien hemm qbil li l-*area* tibqa' kif inhi.

38.3.15 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien sar jaf mill-*media* li l-Kunvent tas-Sorijiet f'Misraħ Ħal Kirkop ser jgħaddi għand il-Housing biex jingħata bil-kiri għall-persuni li ma jifilħux iħallsu.

38.3.15.1 Il-Kunsilliera qalu li huwa inaċċettabli li l-Kunsill qatt ma jkun ikkonsultat fuq materji ta' din ix-xorta. Apparti hekk, għalkemm il-Kunsill ma huwiex kontra il-*housing* soċjali, il-Kunsilliera jemmnu li Ħal Kirkop ma jiflaħx ikollu aktar *housing* soċjali.

38.3.16 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsill kien irċieva talba għall-għajnuna mill-grupp Eko Skola fi ħdan il-Kulleġġ San Benedittu dwar kompetizzjoni li ser tkun qed issir bit-tema 'Nieħdu Ħsieb l-Ambjent'.

38.3.16.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qablu li l-Kunsill jagħti €100 vouchers biex jintużaw bħala premju għar-rebbieħa ta' din il-kompetizzjoni.

38.3.16.2 Il-Kunsilliera talbu biex fir-reklamar ta' din il-kompetizzjoni jidħol li din qed issir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop.

38.3.17 Is-Sindku Terence Agius ressaq quddiem il-Kunsill ritratti tat-tapit tal-bandli, fejn kien sar l-inċident taż-żebgħa.

38.3.17.1 Il-Kunsilliera raw dawn ir-ritratti u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex titkellem mal-persuna involuta u titlobha biex it-tapit jitnaddaf aħjar minħabba li ż-żebgħa kienet għada tidher.

38.3.18 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kellu laqgħa ma' Tech.mt li huma l-operaturi tal-Free Wi-fi fil-pubbliku. Hu spejga li dawn il-points aktarx ser ikunu qed jispiċċaw u l-ispiża tagħhom biex jinżammu ser tkun għolja ħafna.

38.3.18.1 Is-Sindku kompla jgħid li fil-frattemp il-Kunsill kien ikkwalifika biex jieħu fondi mill-EU għall-proġett Wifi4EU. Għaldaqstant il-Kunsill ser ikun qed jiltaqa' mal-operaturi li ser ikunu qed jinstallaw il-WiFi4EU biex naraw li l-postijiet eżistenti jistgħux jinqalbu fuq din is-sistema u jiżdiedu wkoll postijiet oħra ġodda. Dan biex il-postjiet pubbliċi f'Ħal Kirkop, dejjem jekk l-infrastruttura tippermetti, ikunu mgħammra bis-servizz b'xejn tal-WiFi.

38.3.18.2 Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

38.3.19 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li hu kien iltaqa' mal-kuntrattur tas-CCTVs u kif kien miftihem kien tana stima biex iċ-ċentru tar-raħal ikun imdawwar bil-cameras tas-sigurtà. Dawn jinkludu Misraħ Ħal Kirkop, Misraħ San Leonardu u Misraħ iż-Żerniq.

38.3.19.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din l-istima u qablu magħha.

38.3.19.2 Għaldaqstant, il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex tiġi approvata l-istima għal xogħol ta' CCTVs fiċ-ċentru tar-raħal, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

38.3.20 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kien qed jistenna data għal-laqgħa ma' Transport Malta rigward l-affarijiet pendenti li kien hemm, li jinkludu s-*safety barriers* u l-applikazzjoni biex Triq il-Kbira ssir *one way* mingħajr parkeġġ.

## 38.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

38.4.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa għaliex il-Memorandum of Understanding mal-Cleansing and Maintenance Division ma ġiex iffirmat.

38.4.1.1 Is-Sindku Terence Agius qal li ser jitkellem ma' Direttur tal-Cleansing and Maintenance Division biex ifakkru li aħna interessati u nixtiequ niffirmaw.

38.4.2 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa dwar problema meta jkun hemm kaptelli miksurin fuq il-bankini u jekk dawn isirux mill-Kunsill.

38.4.2.1 Is-Sindku Terence Agius qal li dawn isiru mill-Kunsill jekk ikunu ta' periklu għal dawk li jużaw il-bankina.

38.4.3 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa dwar il-bżonn li l-Kunsill ikollu *receptionist.*

38.4.3.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan is-suġġeriment u qablu miegħu u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex tibgħat lis-CEWS biex tara jekk għandhomx persuni li qed iffittxu dan it-tip ta' xogħol.

38.4.4 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa dwar ix-xogħol li hemm bżonn isir fi Triq ir-Ramlija biex ikunu jistgħu jitpoġġew l-ibins.

38.4.4.1 Is-Sindku Terence Agius qal li jidher li mhux ser ikun hemm għajnuna u għaldaqstant il-Kunsill irid jagħmel dan ix-xogħol hu.

38.4.4.2 Kien hemm qbil li l-Kunsillier John Luke Cassar u l-Viċi Sindku Joseph Schembri imorru fuq il-post biex jaraw kif l-aħjar isir u tkun tista' tinġieb stima biex isir dan ix-xogħol.

38.4.5 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa dwar il-kuntratt tad-Day Centre u dwar it-trasport għall-anzjani.

38.4.5.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-kuntratt ġie ffirmat u li fir-rigward tat-transport, minn naħa tad-Dipartiment kienu infurmawna li kienu qed jistennew it-tender.

38.4.6 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li fir-rigward tal-istedina mill-Comune de Rousset, il-Kunsill kellu jibgħat ritratti u informazzjoni u jitlob aktar informazzjoni dwar l-attività li ser tkun qed issir f'Mejju 2022.

38.4.6.1 Il-Kunsilliera qablu mal-Kunsillier John Luke Cassar u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv tinforma lill-Comune de Rousset li l-Kunsill huwa interessat li jattendi għal din l-attività.

38.4.7 Il-Kunsillier John Luke Cassar staqsa dwar korrispondenza li kien hemm dwar opportunitajiet internazzjonali għaż-żgħażagħ.

38.4.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ser tkun qed titlob aktar informazzjoni u tgħaddiha lill-Kunsilliera biex ikunu jistgħu jaraw jekk jistgħux itellgħu liż-żgħażagħ.

38.4.8 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana qalet li ma kellha xejn x'tikkomunika f'dan l-istadju.

38.4.9 Il-Kunsillier Cody Galea qal li kienu kellmuh minn Servizzi Ewropej f'Malta rigward Miżura 4.3 – EAFRD – Toroq Rurali. Il-Kunsillier Galea qal li din l-applikazzjoni tagħlaq fil-25 ta' Frar, 2022. Hu kompla jgħid li ser jitkellem mal-persuna inkarigata biex iġib aktar feedback, jinforma lill-Kunsilliera biex jekk l-applikazzjoni hija vijabli jkun jista' jaħde fuqha.

38.4.10 Il-Kunsillier Cody Galea qal li kien irċieva lment li kien hemm residenti li ma setgħux jidħlu fi Triq l-Infanterija minħabba li kien hemm it-triq maqlugħa.

38.4.10.1 Is-Sindku Terence Agius qal li kien tkellem ma Infrastracture Malta u dawn ir-residenti ġew mogħtija aċċess.

38.4.11 Minħabba li kien fadal punti importanti għad-diskussjoni, u peress li kienu għaddew it-tlett siegħat, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex il-ħin tal-laqgħa jiżdied, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar. Il-ħin f'dan l-istadju kien id-21:00hrs.

## 38.5 Rapport tal-Ilmenti

38.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill suġġeriment li kien wasal għand il-Kunsill biex jitwaħħal bin tas-sigaretti ħdejn il-klinika ta' Ħal Kirkop.

38.5.1.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u ma qablux li jsir bin tas-sigaretti quddiem il-klinika ta' Ħal Kirkop.

38.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kumplament tal-ilmenti li daħlu matul dan ix-xahar, kif jidhru fil-lista tal-ilmenti, ma kellhomx għalfejn jiġu mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill għax kienu lmenti li ħadet ħsiebhom l-amministrazzjoni.

## 38.6 Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji Annwali 2022

38.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill l-Estimi Finanzjarji Annwali għas-sena 2022. Dawn l-Estimi Finanzjarji kienu ġew diskussi u approvati fil-Laqgħa Annwali li kienet saret għal dan il-għan nhar it-Tlieta, 11 ta' Jannar, 2022.

38.6.2 Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex jiġu approvati l-Estimi Finanzjarji Annwali għas-sena 2022, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 38.7 Approvazzjoni – Stqarrijiet Finanzjarji tar-Raba' Kwart tas-Sena 2021

38.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-Istqarrijiet Finanzjarji tar-Raba' Kwart tas-sena 2021. Dan ir-rapport ġie diskuss mill-Kunsilliera preżenti u juri li l-Kunsill għalaq ir-Raba' Kwart b'sitwazzjoni finanzjarja tajba.

38.7.2 Għaldaqstant, il-Kunsillier Cody Galea ressaq mozzjoni biex l-Istqarrijiet Finanzjarji tar-Raba' Kwart tas-sena 2021 jiġu approvati, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 38.8 *Performance Appraisals* tal-Impjegati tal-Kunsill

38.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill il-*Performance Appraisals* tal-Impjegati tal-Kunsill.

38.8.2 Il-Kunsilliera preżenti qablu mal-kontenut ta' dawn l-*appraisals* u għaldaqstant il-Kunsillier John Luke Cassar ressaq mozzjoni biex il-*performance bonus* marbut ma' dawn l-*appraisals* jiġi approvat bir-rata mniżżla fuq l-*appraisal*, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 38.9 *Performance Appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill

38.9.1 Is-Sindku Terence Agius ressaq quddiem il-Kunsill il-*Performance Appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv.

38.9.2 Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament mal-kontenut ta' dan l-*appraisal* u għaldaqstant il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex il-*performance bonus* marbut ma' dan l-*appraisal* jiġi approvat bir-rata mniżżla fuq l-*appraisal*, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 38.10 Proġett *'Cultural Heritage – A Foundation for Building Europe's Future'*

38.10.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li s-Segretarju Eżekuttiv kienet qed taħdem fuq il-proġett 'Cultural Heritage – A Foundation for Building Europe's Future', li t-tieni laqgħa tiegħu ser issir f'Ħal Kirkop, Malta bejn is-17 u l-20 ta' Frar, 2022.

38.10.2 Is-Segretarju Eżekuttiv tat informazzjoni dwar il-preparamenti għal dan il-proġett. Kif kien diskuss fil-laqgħa preċedenti, l-Kunsilliera qablu unanimament li l-Kunsillier John Luke Cassar u s-Segretarju Eżekuttiv jieħdu ħsieb imexxu fuq dan il-proġett u kull ħaġa li kien hemm bżonn dwaru.

## 38.11 Sejħa għall-Offerti – Knis ta' Toroq

38.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li d-dokument tas-sejħa għall-offerti tal-Knis ta' Toroq kien lest u talbet lill-Kunsilliera jekk kellhomx iżidu xi ħaġa biex jiġi iffinalizzat u jkun jista' jinħareġ.

38.11.2 Il-Kunsilliera talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex terġa' tibgħatilhom dan id-dokument biex jarawh u jtellgħuh għad-diskussjoni fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

## 38.12 Sejħa għall-Offerti – Tabelli u Sinjali tat-Traffiku

38.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li d-dokument tas-sejħa għall-offerti dwar Tabelli u Sinjali tat-Traffiku kien lest u talbet lill-Kunsilliera jekk kellhomx iżidu xi ħaġa biex jiġi iffinalizzat u jkun jista' jinħareġ.

38.12.2 Il-Kunsilliera talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex terġa' tibgħatilhom dan id-dokument biex jarawh u jtellgħuh għad-diskussjoni fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

## 38.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

38.13.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 122 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

38.13.2 Il-Kunsillier John Luke Cassar ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 122 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-mis-Sindku Terence Agius, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 38.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

38.14.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

38.14.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis, 24 ta' Frar, 2022 fl-16:30hrs.

38.14.3 Il-laqgħa ntemmet fl-22:05hrs.

*(iffirmati)*

Terence Agius
***Sindku***

Antonia Demicoli
***Segretarju Eżekuttiv***

**Data:** 24 ta' Frar, 2022

**Mozzjoni Ref:** 204/22/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 37.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Cody Galea | Joseph Schembri |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 19 ta' Jannar, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 205/22/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-applikazzjoni għall-iSkema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2022.

**Proponent**
John Luke Cassar

**Sekondant**
Joseph Schembri

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 19 ta' Jannar, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 206/22/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-istima għal xogħol ta' CCTVs fiċ-ċentru tar-raħal.

**Proponent**
Joseph Schembri

**Sekondant**
Cody Galea

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 19 ta' Jannar, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 207/22/9

**Mozzjoni:**

Biex jiżdied il-ħin tal-laqgħa minħabba li kienu għaddew it-tlett siegħat u kien fadal punti importanti biex jiġu diskussi.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Terence Agius | John Luke Cassar |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 19 ta' Jannar, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 208/22/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-Estimi Finanzjarji Annwali għas-sena 2022.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Terence Agius | John Luke Cassar |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 19 ta' Jannar, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 209/22/9

**Mozzjoni:**

Biex l-Istqarrijiet Finanzjarji tar-Raba' Kwart tas-sena 2021 jiġu approvati.

**Proponent**
Cody Galea

**Sekondant**
Joseph Schembri

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 19 ta' Jannar, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 210/22/9

**Mozzjoni:**

Biex il-*performance bonus* marbut mal-*appraisals* tal-impjegati tal-Kunsill jiġi approvat bir-rata mniżżla fuq l-*appraisal.*

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| John Luke Cassar | Joseph Schembri |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 19 ta' Jannar, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 211/22/9

**Mozzjoni:**

Biex il-*performance bonus* marbut mal-*appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv jiġi approvat bir-rata mniżżla fuq l-*appraisal.*

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Joseph Schembri | Cody Galea |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 19 ta' Jannar, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 212/22/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 122.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| John Luke Cassar | Terence Agius |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 19 ta' Jannar, 2022

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**